



# L-anzjani fis-soċjetajiet



Carmen Cini
*Chairperson – Kumitat Nisa*

Din id-darba ħsibt li f'dawn l-erba' kelmiet li naqsam magħkom ta' kull sena nikteb fuq l-anzjani. Ħeqq, jien magħhom ngħodd ta'!

Kull soċjetà jkollha membri u membri tal-kumitat ta' kull età, u naċċertakom li dawn huma bżonnjużi kollha kemm huma. Kulħadd bil-mod tiegħu. L-esperjenza fl-anzjani hija bżonnjuża immens għas-soċjetà għax dawn ikunu ltaqgħu mhux biss meta s-soċjetà kienet fuq pedestal, imma anke meta jkun hemm problemi, xi minn daqqiet forsi kbar ukoll. F'dawn is-sitwazzjonijiet ma tistax tkun baħri tal-bnazzi. Hekk kien jgħidli l-mibki Ġużepp Bartolo, u nirringrazzjah tat-tagħlim li tani matul is-snin li qattajna naħdmu flimkien. Ħasra li ċertu membri u oħrajn li kienu xi darba taw sehemhom fit-tmexxija ta' xi soċjetà inkluża tagħna ma jkunux jistgħu jkomplu minħabba saħħa jew impenji oħrajn familjari. Nieħu gost imma meta nara li dawn jerġgħu jirritornaw fostna biex iqattgħu ftit sigħat fil-post li jkunu ħabbew u taw sehemhom għalih. Tara għajnejhom jixegħlu meta tistaqsihom xi ħaġa fuq il-każin jew titlobhom xi parir.

Fil-ħajja tal-lum forsi veru ma tistax tgħaddi mingħajr it-teknoloġija, imma din mhix biżżejjed. Għalhekk irid ikun hemm għaqda sħiħa bejn l-anzjani u ż-żgħażagħ flimkien. Is-saħħa tal-anzjan ma tibqax li tkun u veru li ma jkunx jista' jagħmel xi xogħlijiet tqal, imma l-pariri tiegħu kultant itaffu t-tbatijiet ta' ħaddieħor.

Nieħu gost nara ż-żgħażagħ joħorġu b'ideat ġodda u l-ispirtu tagħhom huwa xi ħaġa li aħna l-anzjani issa ma nistgħux nilħqu. Għalhekk iktar u iktar għandna ningħaqdu flimkien biex bl-għajnuna ta' xulxin ix-xogħol isir aħjar u eħfef. Fejn nistgħu aħna l-anzjani għandna nibqgħu nagħtu l-pariri u l-ideat tagħna biex insawru f'dawn iż-żgħar u ż-żgħażagħ sens ta' volontarjat biex fl-aħħar mill-aħħar dan ikun ta' sodisfazzjon għall-komunità kollha.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha, imma b'mod speċjali lill-anzjani u l-morda.

**MARK TALIANA**
**GARDENER**
***For professional gardening, maintenance & landscaping***
**Mob: 7783 0983**

